2025/631

27.3.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/631

tas-27 ta' Marzu 2025

li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, jenħtieġ li 25 persuna fiżika u seba' persuni ġuridiċi jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

P. HENNIG-KLOSKA

[1] ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/765/oj.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "A. Persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"288.	Aliaksei Uladzimiravich BASHAN Alexey Vladimirovich BASHAN	Аляксей Уладзіміравіч БАШАН Алексей Владимирович БАШАН	Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 28.2.1975 Numru tal-passaport: 3280275A062PB3 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aliaksei Bashan huwa l-Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala Viċi President, Aliaksei Bashan huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksei Bashan huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
289.	Alena Anatolieuna BALDOUSKAYA Elena Anatolyevna BALDOVSKAYA	Алена Анатольеўна БАЛДОЎСКАЯ Елена Анатольевна БАЛДОВСКАЯ	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 14.4.1980 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4140480B020PB4	Alena Baldouskaya hija s-Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala Segretarju, Alena Baldouskaya hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Alena Baldouskaya hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
290.	Dzianis Uladzimiravich DUK Denis Vladimirovich DUK	Дзяніс Уладзіміравіч ДУК Денис Владимирович ДУК	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 29.5.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3290577E034PB4	Dzianis Duk huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Dzianis Duk huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Dzianis Duk huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
291.	Alena Kanstantinauna KUNTSEVICH Elena Konstantinovna KUNTSEVICH	Алена Канстанцінаўна КУНЦЭВІЧ Елена Константиновна КУНЦЕВИЧ	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 30.4.1971 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4300471C014PB0	Alena Kuntsevich hija membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Alena Kuntsevich hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Alena Kuntsevich hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
292.	Aliaksandr Genadzevich TKACHOU Alexander Gennadievich TKACHEV	Аляксандр Генадзьевіч ТКАЧОЎ Александр Геннадьевич ТКАЧЕВ	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 17.9.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3170977H042PB1	Aliaksandr Tkachou huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Aliaksandr Tkachou huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksandr Tkachou huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
293.	Katsiaryna Aliaksandrauna FEDASENKA Ekaterina Alexandrovna FEDOSENKO	Кацярына Аляксандраўна ФЕДАСЕНКА Екатерина Александровна ФЕДОСЕНКО	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 20.12.1976 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4201276K012PB1	Katsiaryna Fedasenka hija membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Katsiaryna Fedasenka hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Katsiaryna Fedasenka hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
294.	Aliaksandr Uladzimiravich YUZHIK Alexander Vladimirovich YUZHIK	Аляксандр Уладзіміравіч ЮЖЫК Александр Владимирович ЮЖИК	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid 25.4.1975 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3250475K039PB6	Aliaksandr Yuzhik huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Aliaksandr Yuzhik huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksandr Yuzhik huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
295.	Aleh Aliaksandravich RAMANAU Oleg Aleksandrovich ROMANOV	Алег Аляксандравіч РАМАНАЎ Олег Александрович РОМАНОВ	Mexxej tal-partit 'Belaya Rus' President tal-assoċjazzjoni pubblika repubblikana 'Belaya Rus' Data tat-twelid: 9.8.1975 Post tat-twelid: Grodno (Hrodna), Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleh Ramanau ilu jappoġġa lill-President Lukashenka għal żmien twil. Fl-2022 Aleh Ramanau ġie elett bħala President ta' 'Belaya Rus', assoċjazzjoni pubblika favur ir-reġim, li bidel fl-akbar partit politiku fil-Belarussja, b'maġġoranza ta' siġġijiet fil-Parlament. Fl-2021, Aliaksandr Lukashenka ħatar lil Aleh Ramanau bħala Rettur tal-Università Statali ta' Polotsk fejn dam sal-2022. Aleh Ramanau kien ukoll membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Belarussja tas-seba' konvokazzjoni mis-6 ta' Diċembru 2019 sat-22 ta' Marzu 2024. Bħala President ta' 'Belaya Rus', Aleh Ramanau jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	27.3.2025
296.	Nastassia Paulauna PAPKO Anastasia Pavlovna POPKO	Настасся Паўлаўна ПАПКО Анастасия Павловна ПОПКО	Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 13.12.1984 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4131284A078PB8	Nastassia Papko hija Mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Mill-inqas minn Awwissu 2020, kienet qed tagħti sentenzi politikament motivati kontra rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'sentenzi ta' ħabs ta' aktar minn 10 snin imposti f'mill-inqas ħames każijiet. Għalhekk Nastassia Papko responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
297.	Yury Viktaravich NAZARAU Yury Viktorovich NAZAROV	Юрый Віктаравіч НАЗАРАЎ Юрий Викторович НАЗАРОВ	Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 7.2.1962 Post tat-twelid: Belarus Numru tal-passaport: MP4071150 (maħruġ fl-4.10.2017) ID personali: 3070262M082PB4	Yury Nazarau huwa l-Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Il-Belarus President Property Management Directorate (PPMD) huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li mill-bidu tiegħu evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Yury Nazarau jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana 'Tsentrkurort' (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana 'Hotel Minsk', il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti 'Hotel Planeta', l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
298.	Mikalai Uladzimiravich SHKRED Nikolai Vladimirovich SHKRED	Мікалай Уладзіміравіч ШКРЭД Николай Владимирович ШКРЕД	L-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate Eks Viċi Kap tas-Servizz ta' Sigurtà tal-President tal-Belarussja Data tat-twelid: 26.4.1981 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP4388698 (maħruġ fis-17.7.2019) ID personali: 3260481A001PB5	Mikalai Shkred huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate u eks Viċi Kap tas-Servizz ta' Sigurtà tal-President ta' Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li mill-bidu tiegħu evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Mikalai Shkred jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana 'Tsentrkurort' (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana 'Hotel Minsk', il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti 'Hotel Planeta', l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
299.	Anton Mikhailavich KRAEUSKY Anton Mikhailovich KRAEVSKY	Антон Міхайлавіч КРАЕЎСКІ Антон Михайлович КРАЕВСКИЙ	Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 22.8.1982 Numru tal-passaport: MP4083089 (maħruġ fit-2.11.2017) Nru ta' identifikazzjoni personali: 3220882A100PB8	Anton Kraeusky huwa l-Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Kumpaniji subordinati ta' PPMD, bħal Belorusskiye Loterei, ukoll jibbenefikaw mill-konnessjoni tagħhom mar-reġim permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali. Min-naħa l-oħra, ir-reġim jibbenefika minn dħul addizzjonali. Bħala Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Anton Kraeusky jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana 'Tsentrkurort' (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana 'Hotel Minsk', il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti 'Hotel Planeta', l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
300.	Mikalai Mikhailavich RAHASHCHUK Nikolai Mikhailovich ROGASHCHUK	Мікалай Міхайлавіч РАГАШЧУК Николай Михайлович РОГАЩУК	Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 22.4.1979 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP4274241 (maħruġ fid-29.11.2018) ID personali: 3220479C043PB6	Mikalai Rahashchuk huwa Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Mikalai Rahashchuk jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana 'Tsentrkurort' (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana 'Hotel Minsk', il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti 'Hotel Planeta', l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
301.	Dzmitry Mikalaevich SHVEDKA Dmitry Nikolaevich SHVEDKO	Дзмітрый Мікалаевіч ШВЕДКА Дмитрий Николаевич ШВЕДКО	Negozjant, azzjonist maġġoritarju u direttur ta' Ridotto LLC. Data tat-twelid: 17.1.1979 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP3615765 (maħruġ fid-19.2.2015)	Dzmitry Shvedka huwa negozjant Belarussu. Huwa azzjonist maġġoritarju u direttur ta' Ridotto LLC, kumpanija Belarussa tal-IT li tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' applikazzjoni tal-logħob tal-azzard online. Ridotto LLC żviluppat u tieħu ħsieb il-każinò online Belbet għar-Republican Unitary Enterprise Belorusskiye Loterei tal-istat, li topera taħt il-Belarus President Property Management Directorate. Belorusskiye Loterei sservi bħala sors ta' dħul sinifikanti għad-Direttorat, li tirrapporta direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Alexander Shatrov, li kien ġie sanzjonat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli bbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u appoġġah, għandu 49,99 % tal-ishma ta' Ridotto LLC. Dzmitry Shvedka huwa assoċjat ma' Alexander Shatrov, Ridotto LLC, il-Belarus President Property Management Directorate, u l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Dzmitry Shvedka qed jibbenifika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah billi jipprovdi servizz li jġib dħul sinifikanti lill-President Property Management Directorate, subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
302.	Mikhail Uladzimiravich DZENISENKA Mikhail Vladimirovich DENISENKO	Міхаіл Уладзіміравіч ДЗЯНІСЕНКА Михаил Владимирович ДЕНИСЕНКО	Negozjant Data tat-twelid: 27.5.1974 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP3303172 (maħruġ fl-10.6.2013; jista' jkun li skada) Nru ta' identifikazzjoni personali: 3270574C044PB2	Mikhail Dzenisenka huwa d-direttur tal-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Belorusskiye Loterei hija proprjetà ta' Belarus President Property Management Directorate; korp governattiv subordinat ta' Aliaksandr Lukashenka. Belorusskiye Loterei huwa wieħed miż-żewġ korpi governattivi li għandhom id-dritt li jtellgħu lotteriji fil-Belarussja. Jimmaniġġja Belbet, każinò online, li jiġġenera dħul kbir. Skont il-liġi Belarussa, Belbet hija klassifikata bħala lotterija online, filwaqt li de-facto topera bħala każinò online, li joħloq kundizzjonijiet favorevoli biex topera. Il-każinò online ġie żviluppat minn Ridotto LLC, u l-operazzjoni tiegħu hija miżmuma minnu, kumpanija li nibtet mir-riorganizzazzjoni ta' Synesis LLC, il-koproprjetà ta' Alexander Shatrov, li kien ġie dežinjat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 li bbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u appoġġah. Mikhail Dzenisenka huwa assoċjat ma' Belorusskiye Loterei u l-Belarus President Property Management Directorate. Barra minn hekk, fir-rwol tiegħu bħala d-direttur ta' Belorusskiye Loterei, Mikhail Dzenisenka qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka billi jiġġenera profitt sostanzjali mil-logħob tal-azzard online.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
303.	Siarhei Mirzaevich AVAKAU Sergey Mirzoevich AVAKOV	Сяргей Мірзаевіч АВАКАЎ Сергей Мирзоевич АВАКОВ	Negozjant, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar Data tat-twelid: 1955 Post tat-twelid: Belarus	Siarhei Avakau huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar. OJSC Planar hija intrapriża tal-istat li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-forniment ta' komponenti fil-qasam tal-mikroelettronika, li jintużaw biex jiġi prodott hardware militari bħal UAVs. Hija tagħmel parti minn raggruppament ta' intrapriżi amministrat mill-istat li huwa ssorveljat mill-Kunsill tal-Proġetti Strateġiċi, taħt is-sorveljanza diretta tal-President tal-Belarussja. Planar tikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni teknoloġika u militari bejn il-Belarussja u r-Russja. Bħala l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar, Siarhei Avakau jibbenefika mill-kumpless militari industrijali Belarussu u jappoġġah materjalment.	27.3.2025
304.	Yuri Mikalaevich TCHORNY Yuri Nikolaevich CHERNYI	Юрый Мікалаевіч ЧОРНЫ Юрий Николаевич ЧЕРНЫЙ	Direttur ta' Precise Electro-Mechanics Plant Data tat-twelid: 1979, 1980 jew1981 Post tat-twelid: Belarus	Yuri Tchorny huwa d-Direttur ta' Precise Electro-Mechanics, intrapriża tal-Istat Belarussu li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti militari u li hija subordinata tal-Kumitat Militari-Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. F'dak ir-rwol, Precise Electro-Mechanics Plant tipproduċi hardware militari għall-użu mill-forzi militari Belarussi, b'mod partikolari missili ballistiċi, u tiġġenera dħul għall-Istat Belarussu. Għalhekk Yuri Tchorny jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u huwa assoċjat mal-entità elenkata Precise Electro-Mechanics.	27.3.2025
305.	Aleh KALIADA Oleg KALYADA	Алег КАЛЯДА Олег КАЛЯДА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Zavodsky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 1.1.1965 Numru tal-passaport: 3010165A135PB5	Aleh Kaliada huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Zavodsky tal-Belt ta' Minsk. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, kontra Yana Barysovich, Andrei Asaula, Rastsislau Shavel, Aliaksandr Zialiutkin, u Maksim Prazhenik. Għalhekk Aleh Kaliada huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
306.	Alena BUSHAVA Alena BUSHEVA	Алена БУШАВА Алена БУШЕВА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 23.8.1976 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4230876A016PB7	Alena Bushava hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk. Hija tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda kontra Siarhei Karytanovich, Darya Lychkouskaya, Aliaksei Maltsau, Yahor Mikhailau, Yuliya Mudreuskaya, Andrei Sheshko, Siarhei Staravoitau, Ihar Kapanaika. Għalhekk Alena Bushava hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
307.	Andrei VASILIUK Andrei VASILYUK	Андрэй ВАСІЛЮК Андрей ВАСИЛЮК	Imħallef tal-Qorti tar-Reġjun ta' Brest Data tat-twelid: 20.7.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3200777C039PB0	Andrei Vasiliuk huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tar-Reġjun ta' Brest. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda kontra Aliaksandr Bazarau, Anastasiya Padhaiskaya, Aliaksandr Veliasnitski. Għalhekk Andrei Vasiliuk huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
308.	Dzina KUCHUK Dina KUCHUK	Дзіна КУЧУК Дина КУЧУК	Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja; ex Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 11.2.1974 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4110274A107PB7	Dzina Kuchuk hija Mħallef Belarussu tal-Qorti Suprema tal-Belarussja. Sa Frar 2024, Dzina Kuchuk serviet ta' Mħallef tal-Kulleġġ Ġudizzjarju għall-Kawżi Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Bħala Mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk, Dina Kuchuk tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda fost oħrajn kontra Andrei Andreyeu, Aliaksandr Komar, Sviatlana Bychkouskaya, Maryna Dubrouskaya, Yury Hrabianiok, Valeryia Kastsiuhova, Tatsiana Kouzina, Aliaksei Khralovich, Uladzimir Lavor, Viachaslau Pantsiushenka, Dzianis Varozau, Volha Tserakh, u Katsiaryna Zaretskaya. Għalhekk Dina Kuchuk hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
309.	Halina BONDAL Galina BONDAL	Галіна БОНДАЛ Галина БОНДАЛ	Imħallef tal-Qorti Reġjonali ta' Vitebsk Data tat-twelid: 30.4.1962 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4300462E001PB6	Halina Bondal hija Mħallef Belarussu tal-Qorti Reġjonali ta' Vitebsk. Halina Bondal tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Volha Brytsikava, Siarhei Dalivelia, Maryia Famina, Tatsiana Frantskevich, Tsimafei Halubko, Yaraslau Kazakevich, Robert Kuzniatsou, Natallia Labatsevich, Anatol Mikhailau, u Andrei Ruskikh. Għalhekk Halina Bondal hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
310.	Siarhei BUDREVICH Sergei BUDREVICH	Сяргей БУДРЭВІЧ Сергей БУДРЕВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett Oktyabrsky ta' Minsk Data tat-twelid: 29.6.1986	Siarhei Budrevich huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett Oktyabrsky ta' Minsk. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Yuliya Kashaverava, Siarhei Paspelau, Siarhei Belski, Aliaksandr Mikhailau, Andrei Hryva, Siarhei Yupatau, Artsiom Isakau, u Aliaksandr Zhaliazousk. Għalhekk Siarhei Budrevich huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
311.	Zhanna BRYSINA Zhanna BRYSINA	Жанна БРЫСІНА Жанна БРЫСИНА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 21.10.1961	Zhanna Brysina hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Zhanna Brysina tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Pavel Belavus, Siarhei Kreida, Tsimafei Shkuratovich , Maksim Hrechkayedau, Vadzim Baranau, Aliaksandr Loban, Dzmitry Maholin, Ihar Artsiukh, Aliaksandr Ziankou, Ruslan Zavadzich, Artsiom Ziankou, Andrei Velikaselets, u Pavel Kharytonau. Għalhekk Zhanna Brysina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
312.	Ala SKURATOVICH Alla SKURATOVICH	Ала СКУРАТОВІЧ Алла СКУРАТОВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 18.10.1980 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4181080A069PB5	Ala Skuratovich hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk. Hija tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, kontra Andrus Asmalousk, Ivan Charavaka, Dzmitry Lapets , Andrei Akushka, Dziana Charnushyna, Andrei Mirashnichenka, u Artur Smaliakou. Għalhekk Ala Skutarovich hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025”;

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"41.	Central Election Commission of the Republic of Belarus (CEC)	Цэнтральная выбарчая камісія Рэспублікі Беларусь Центральная избирательная комиссия Республики Беларусь	Indirizz: 11 Sovyetska Str., Minsk, 220010, Republic of Belarus Data tal-istabbiliment: 1989	Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet demokratiċi fil-Belarussja. L-elezzjoni presidenzjali tal-2025 fil-Belarussja la kienet libera u lanqas ġusta, skont diversi rapporti minn osservaturi internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali hija responsabbli għal dgħajfien serju tad-demokrazija fil-Belarussja.	27.3.2025
42.	JSC 'INTEGRAL' - the management company of the holding 'INTEGRAL'	ААТ 'Інтэграл' – кіруючая кампанія холдынгу 'Інтэграл' ОАО 'Интеграл' - управляющая компания холдинга 'Интеграл'	Indirizz: Kazintsa I.P., 121A, room 327, Minsk, 220108, Republic of Belarus Post tar-reġistrazzjoni: Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.8.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 100386629	JSC Integral hija manifattur proprjetà tal-istat Belarussu ta' semikondutturi, ċirkwiti integrati u prodotti oħra b'teknoloġija avvanzata li huma partikolarment importanti għall-ekonomija u s-settur tad-difiża tal-Belarussja. JSC Integral tinsab fiż-Żona Ekonomika Ħielsa ta' Minsk, stabbilita mill-Gvern Belarussu. L-entitajiet stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ħielsa ta' Minsk japprofittaw minn diversi vantaġġi finanzjarji. Għalhekk JSC Integral qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Barra minn hekk, JSC Integral qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka minħabba l-enfasi tagħha fuq il-produzzjoni mikroelettronika, li hija kruċjali għall-industrija tad-difiża.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
43.	Republican unitary enterprise Belorusskiye Loterei	Беларускія Латарэі Белорусские Лотереи	Data tar-reġistrazzjoni: 1.9.1999 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Indirizz: Budzyonnaha 10, Minsk, Belarus Numru tat-telefown + 375173292103 Indirizz elettroniku: info@belloto.by Numru tar-reġistrazzjoni: 190000087	L-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei hija kumpanija Belarussa li tappartjeni lil Belarus President Property Management Directorate; korp governattiv li huwa subordinat dirett ta' Aliaksandr Lukashenka. Fil-Belarussja d-dritt biex jiġu organizzati lotteriji huwa esklużivament tal-istat. Belorusskiye Loterei hija waħda minn żewġ korpi governattivi li għandhom id-dritt li jorganizzaw lotteriji fil-Belarussja. Hija torganizza 17 mill-25 lotterija eżistenti fil-Belarussja. Belbet huwa każinò online ġestit minn Belorusskiye Loterei, li tirrappreżenta 99,8 % tad-dħul tiegħu. Skont il-liġi Belarussa, Belbet huwa klassifikat bħala lotterija online, filwaqt li de facto jopera bħala każinò online, li joħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-operazzjoni tiegħu. Il-każinò online ġie żviluppat u l-operazzjoni tiegħu hija mmexxija minn Ridotto LLC, kumpanija li nibtet mir-riorganizzazzjoni ta' Synesis LLC, dežinjata mill-Unjoni fis-17 ta' Diċembru 2020 talli bbenefikat mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u appoġġatu, li l-koproprjetarju tagħha huwa Alexander Shatrov, li ilu ddežinjat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. Belorusskiye Loterei hija subordinata ta' Belarus President Property Management Directorate, li huwa kkontrollat minn Aliaksandr Lukashenka. Hija tibbenefika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka billi topera f'kundizzjonijiet favorevoli u tappoġġah billi tiġġenera dħul mil-logħob tal-azzard. Barra minn hekk, Belorusskiye Loterei hija assoċjata ma' Alexander Shatrov.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
44.	Ridotto LLC	ТАА 'Рыдота' ООО 'Ридотто'	Data tar-reġistrazzjoni: 13.2.2020 Post tar-reġistrazzjoni: Minsk, Belarus Indirizz: Platonava 20b, Minsk, Belarus Numru tat-telefown: + 375 17 240-36-50 Indirizz elettroniku: info@ridotto.by Numru tar-reġistrazzjoni: 193384228	Ridotto LLC hija kumpanija tal-IT Belarussa li tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet għal-logħob tal-azzard online. Alexander Shatrov, li ilu ssanzjonat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah, għandu 49,99 % tal-ishma tagħha. Ridotto LLC żviluppat u attwalment tieħu ħsieb il-każinò online Belbet għall-Intrapriża Unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei, li tappartjeni lill-istat u hija sussidjarja ta' Belarus President Property Management Directorate. Belorusskiye Loterei sservi ta' sors sinifikanti ta' dħul għad-Direttorat, li jirrapporta direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Minn dan jirriżulta li Ridotto LLC hija assoċjata ma' Alexander Shatrov, Belarus President Property Management Directorate, u l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Barra minn hekk, Ridotto LLC qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka jew qed tappoġġah.	27.3.2025
45.	OJSC Planar	ААТ 'Планар' КБТЭМ ПЛАНАР	Indirizz: Partizansky Ave., 2, building 2-31, Minsk, Belarus Numru tat-telefown: + 375 17 297 37 09 Indirizz elettroniku: office@kbtem-omo.by Sit web: planar.by Numru tar-reġistrazzjoni: 100104937 Data tar-reġistrazzjoni: 15.3.1992	OJSC Planar hija intrapriża tal-istat li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-forniment ta' komponenti fil-qasam tal-mikroelettronika, li jintużaw biex jiġi prodott hardware militari bħal UAVs. Hija tagħmel parti minn raggruppament ta' intrapriżi amministrat mill-istat li huwa ssorveljat mill-Kunsill tal-Proġetti Strateġiċi, taħt is-sorveljanza diretta tal-President tal-Belarussja. OJSC Planar tikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni teknoloġika u militari bejn il-Belarussja u r-Russja. Għalhekk OJSC Planar hija parti mill-kumpless militari industrijali Belarussu.	27.3.2025

	Ismijiet (Transliterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Transliterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
46.	Precise Electro-Mechanics Plant	РВУП 'Завод дакладнай электрамеханікі' РПУП 'Завод точной электромеханики'	Indirizz: ul. Kulman 2, Minsk, 220013 Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 690653077 Data tar-Reġistrazzjoni: 27.5.2009	Precise Electro-Mechanics Plant hija intrapriża tal-Istat Belarussu li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti militari u hija subordinata tal-Kumitat Militari-Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. F'dan ir-rwol, Precise Electro-Mechanics Plant tipproduċi hardware militari li jintuża mill-forzi militari Belarussi, b'mod partikolari missili ballistiċi, u tiġġenera dħul għall-Istat Belarussu. Għalhekk Precise Electro-Mechanics Plant hija persuna ġuridika li tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	27.3.2025
47.	Tsybulka Bel Zybulka Bel	ТАА "ЦЫБУЛЬКА-БЕЛ ООО 'ЦЫБУЛЬКА-БЕЛ'	Indirizz: st. Centralnaya, 4, ag. Gudy, Krupovsky village council, Lida district, Grodno region, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 592000217 Data tar-reġistrazzjoni: 1.10.2020 Numru tat-telefown: +375 292 85-31-33	Tsybulka-Bel LLC hija kumpanija agrikola Belarussa bbażata fid-distrett ta' Lida li tappartjeni liċ-ċittadin Ġermaniż Jörg Dornau. Il-maniġment ta' Tsybulka-Bel ikkoordina mal-awtoritajiet tal-istat Belarussu biex priġunieri – fosthom b'mod partikolari priġunieri politiċi Belarussi – jitħaddmu f'xogħol furzat fi Tsybulka-Bel biex jagħmlu xogħol fl-għelieqi f'kundizzjonijiet inumani, inkluż mingħajr ikel u ilma matul shifts twal ta' xogħol, bi protezzjoni totalment insuffiċjenti minn kundizzjonijiet estremi tat-temp, u b'kastigi arbitrarji għal priġunieri li jitolbu eżenzjonijiet minħabba mard. Għalhekk Tsybulka-Bel LLC hija entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	27.3.2025".